MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 313/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nikolai Sant)**
**Vs**
**Clive Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 434581(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli f’ Pembroke nhar il- 31 ta’ Marzu 2011 waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura b’ numru ta’ registrazzjoni CLV 081 ta’ tip Honda S 2000;

1) b’ nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’ nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, involontarjament kkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Laura Jennifer Saubebere;

2) b’ nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’ nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’ nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti involontarjament kkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il- persuna ta’ Bouet Geylorg;

3) saq b’ manjiera perikoluza;

4) saq b’ velocita’ qawwija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 226(1)(c) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65, LS 65.11 Regolament 127 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu sena priġunerija sospiżi għal tliet (3) snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illikwidat danni *arbitrio boni viri* favur Laura Jennifer Saubebere fl-ammont ta’ erbat elef Ewro (€4,000) u favur Bouet Geylorg fl-ammont ta’ elf Ewro (€1,000) ordnat lill-appellant ihallas is-somma hekk likwidata ta’ erbat elef Ewro (€4,000) lil Laura Jennifer Saubebere u elf Ewro (€1,000) lil Bouet Geylorg fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal tlett snin. Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell tirrevoka s-sentenza appellata billi l-appellant jigi ddikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kwindi minnhom tilliberah skond il-ligi. Fil-kaz pero` li ma jintlaqax dan l-appell joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi bil-provi li kellha quddiemha kemm individwalment u kif ukoll u specjalment meta mehuda fl-assjem taghhom ma setghet qatt ragonevolment u legalment tasal ghas-sejbien tal-htija fuq l-appellant. Minhabba n-natura ta' dan l-aggravju, u peress li wiehed japprezza d-diffikultajiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta rinfaccjata b'aggravju simili, l-appellant umilment ser jaghti r-ragunijiet ghal dan l-ilment tieghu.

Qabel xejn jigi osservat li l-appellant fl-ebda hin ma kien xurban. Fuq dan hemm qbil.

L-imsemmija Qorti tikkontendi li r-raguni tal-incident kien velocita` ferm eccessiva filwaqt li mill-provi migjuba, johrog b'mod car illi dwar l-ispeed (ossia speed eccessiv) ma ngabitx prova 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raguni mentri dwar l-element, li fil-fehma tal-esponent kien il-kagun ta' kollox u cioe` iz-zejt fuq it-triq ingabet prova ta' certezza assoluta.

La darba l-esponent wasal f'certu posizzjoni tat-triq, il-vettura bdiet tperper b'mod inkontrollabbli casus kongjonata minn skiddjar tal-vettura.

L-esponent a rigward l-ispeed huwa korroborat mix-xhud tieghu, li qalet taht gurament li l-vettura kienet qed tinsaq bi speed normali. X'wassal allura sabiex l-Ewwel Qorti tiskarta dan kollu u tiddeciedi li l-esponent kien ghaddej bi speed eccessiv?

Jidher illi din il-posizzjoni tal-Ewwel Qorti hija rizultanti mill-hsarat li garrbet il-vettura in kwistjoni. B'kull rispett il-hsarat fuq il-vettura mhumiex bl-ebda mod kompatibbli ma speed qawwi.

F'dan il-kuntest jigi sottomess illi l-Ewwel Qorti ma nominat l-ebda espert tat-traffiku jew tekniku sabiex tinkonkludi dwar il-velocita` ta' l-appellant. Di piu ma saret l-ebda ezaminazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni u ma kien hemm l-ebda espert mekkaniku sabiex jigi ezaminat l-

istess vettura. Sahansitra lanqas giet esebita l-ebda forma ta' skizz mill-prosekuzzjoni.

La darba ma gewx indikati l-iskid marks, il-velocita` ma tistax tigi stabbilita`. Ghal kull bon fini qed jintqal li skid marks huma meta l-karozza titlef kontroll filwaqt li brake marks huma meta s-sewwieq ikun in control u allura t-tyres ikunu gew illonjati u effettivament it-temp ta' bejn it-tyres u l-wicc tat-triq tant titla li t-tyres jimmarkaw iswed mat-triq.

Illi ai termini ta' artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha.

L-esponenti kien qieghed isuq bl-ispeed ta' 50 km/hr mentri fil-kaz Police vs Archidiacono, *"the road at St Andrews was considered as lying outside a built up area and a speed of 40 mph was imposed".*

2. Illi l-Ewwel Qorti ghazlet biss illi tistrieh fuq il-verzjoni ta' Jennifer Saubebere u Bouet Geylorg, l-istess allegazzjoni li giet kontradetta sewwa mill-esponent u sewwa mix-xhieda tieghu.
Illi l-esponent huwa ferm konxju tal-fatt illi f'materja simili, l-gurisprudenza nostrana hija konformi u stabbilita fis-sens illi l-Qorti ta' l-Appell dejjem tistrieh fuq il-gudizzju ta' l-Ewwel Qorti f'dak illi jirrigwarda l-kredibilita` tax-xhieda. Izda fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova assolutament li l-imputat saq b'manjiera perikoluza u b'velocita` qawwija.

Jekk il-Qorti tigi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti ghandha tillibera stante tali beneficcju ghandu jmur a beneficcju ta' l-imputat.

Illi l-verzjoni ta' l-esponent mhux talli ma fiha l-ebda lacuna izda sahansitra huwa probabbli ferm li l-incident sehh kif qed jghid hu u dan ghar-ragunijiet msemmija f'dan l-appell.

Illi l-fatt li persuna kienet qed isuq bi velocita` qawwija tista tigi stabbilita mill-fatti stess, *facts speak for themselves*

*(res ipso loquitur).* Fil-kaz odjern jista jigi stabbilit li l-hsarat li garbet il-vettura in kwistjoni ma kienux ta’ natura gravi u irreparabbli, madankollu lanqas kien hemm xi hsarat konsiderevoli mal-hajt li twaqqa fl-istess triq li sehh l-incident. Ghaldaqstant huma dawn l-istess fatti li huma indikativi ta’ speed baxx.

Dwar *circumstantial evidence,* l-awtur Blackstone jipprovdi illi *“Pullock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of serval ends said : One strand of the cord might be insufficient to sustain the wieght but three stranded together may be quite sufficient strength (pg 2280, folio 16, Blackstone Criminal Procedure 2008).*

3. Illi l-oneru tal-prosekuzzjoni hija li tressaq l-ahjar prova. Kif jipprovdi Manzini : *Il cosi detto onera della prova cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa, onus probandi incumbit qui osservit*. Il-Qrati nostrana kemm il-darba provdew illi l-akkuzi dedotti ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli.

Illi r-reat kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa delitt u ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova l-element intenzjonali u dak materjali. F’dan ir-rigward il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-intenzjoni.

4. Illi fil-kaz odjern fl-ebda mument ma gie ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecendenti jew konkomitanti. Għall-kuntrarju l-esponent ipprova li mhux biss l-iskid kienet dovuta minhabba z-zejt li kien f’wicc it-triq imma wkoll li l-iskid saret bla ebda negliġenza tiegħu u li ha l-prekawzjonijiet kollha li kellu jiehu bhala driver prudenti meta l-art tkun tizloq. L-iskid saret bla ebda htija ta’ l-esponent izda accidentalment b’mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli u allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilita’ kriminali (Il-Pulizija vs Carmel Cachia – Vol. XXXVII, iv pg 920)

Hekk ukoll fil-leading case Ang vs L.G OC 1909 2K 39.652 *“the tendency to skid is no evidence of negligence.*

L-Imhallef Harding jidhirlu illi l-principju kif accettat mill-Qorti ta' l-Appell Ingliza huwa gust, ghaliex jekk skid tista` anke tigri nonostanti kull prekawzjoni, ghalhekk hemm bzonn li jigi ezaminat jekk kienx hemm negligenza antecendenti jew inkella negligenza komkomitanti (bhalma hija l-applikazzjoni tal-"brake marks").

Illi l-mertu tal-kawza odjern kien sempliċi inċident stradali fejn l-esponent tilef il-kontroll tal-vettura minħabba l-fatt li l-iskiddjar ta' l-istess kien dovut ghal "inevitable accident".

5. Illi artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Illi l-imputat ma setax jinstab ħati peress li l-incident ma seħħx f'Pembroke iżda fil-lokalita` ta' St. Andrews. Madanakollu l-ħin tal-inċident in kwistjoni mhux indikat.

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent filwaqt li jiddispjacih ghall-akkadut u għandu l-akbar simpatija lejn il-vittmi jirrileva umilment illi in vista tax-xhieda mogħtija minnu u mill-passiġġiera tiegħu u l-fedina penali nettissima tiegħu, minbarra l-fatt li huwa "a first time offender", il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija eċċessiva partikolarment għal dak li jirrigwarda l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett il-Qorti qed tagħmel sommarji tal-aggravji li jistgħu jinġabru kollha kif ġej u li l-Qorti qed taqsam fi tliet partijiet

**A: Apprezzament ħażin tal-provi (1 – 5)**

(1) Li ma kienx hemm prova li l-appellant kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva.

(2) Illi l-veloċita’ ma tistax tkun stabbilita li ma nħatar ebda espert

(3) Illi l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-imputat saq b’manjiera perikoluża.

(4) Illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova kemm l-intenzjoni kif ukoll l-att materjali.

(5) Illi fil-każ odjerna ma kien hemm ebda negliġenza anteċedenti.

**B: Aggravju tekniku**
(6) Li l-appellant ma setax jinsab ħati tal-inċident għaliex dan ma seħħx f’Pembroke iżda fil-lokalita’ ta’ St.Andrews.
**Ċ. Aggravju dwar il-piena**
(7) Illi l-piena hija eċċessiva.

Il-Qorti reġgħet rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha.

M’hemmx dubju li l-appellant ma kienx xurban u li kien hu li qiegħed isuq il-karozza in kwistjoni mets seħħ l-inċident.

**L-offiżi fuq il-persuni ta’ Laura Jennifer Sauberere u Bouet Gaylorg**

Mid-dokumenti u x-xhieda tat-tabib jirriżulta li **Laura Jennifer Saubarere** sofriet offiża gravissima f’rasha tant li kellu jsir intervent kirurġiku serju f’rasha.. Hi stess xehdet kif ġej (a fol 35):

‘Jiena kelli emorġija ċerebrali. Il-kirurġi fetħuli rasi sabiex ineħħuli xi demm magħqud li kelli f’rasi.....Jien kelli diversi ksur fl-għadam ta’ saqajja.’

U a fol 37

‘Jien għandi uġigħ f’rasi regolarment u impressjoni ta’ dizziness. Għadni s’isa ma nistax nimxi u m’inix ċerta jekk xi darba nkunx nista’ nimxi verament.’

Imbagħad a fol 40 l-istess xhud qalet hekk:

'Ċertament l-injury li għandi f'irboppti kienet ikkawżata mill-karozza u l-injury ta' rasi kienet ikkawżata fid-ditch u l-karozza waqqgħet xi ġebel li spiċċaw fuq sieqi.'

Mix-xhieda ta' Dr Liam Mercieca jirriżulta li din il-vittma kienet qed tbati minn right epidural haematoma li tfisser li jkun hemm demm ġewwa l-moħħ minħabba d-daqqa. Kellha fractures fis-saqajn tal-ewwel, it-tieni u t-tielet metatarsal bone, fracture tal-għaksa tal-left, u fracture tar-ras on the right temporal bone. Kellha uġigħ fl-irkoppa tal-lemin u nefħa u uġigħ fi spallitha tal-lemin. Kellha wkoll abrażjonijiet fil-minkeb tal-lemin.

**Punt ta' Liġi**

Skont il-proviso tal-artikolu 218:

'(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.'

Fil-fehma tal-Qorti l-allegata vittma sofriet offiża gravi ai termini tal-arftikolu 218 tal-Kap 9.

Dwar **it-tieni vittma**, l-akkuża hija waħda fejn l-offiża hija deskritta bħala waħda ħafifa. Mill-atti jirriżulta li Bouret Gaylord sofra ferita ħafifa skont iċ-ċertifikat maħruġ Dr Matthew Grima li kkonferma l-istess dokument meta xehed fis-27 t'Ottubru 2011. L-allegat vittma iżda xehed (fis-7 ta' Lulju 2011 a fol 42) li kellu żewġ ksur fir-riġel tax-xellug (fol 45). Il-Qorti qed tiddeċiedi li m'hemm ebda dubju li Bouret Gaylord sofra ferita ħafifa ai termini tal-artikolu 226(1)(ċ) tal-Kap 9.

**Id-dinamika tal-inċident**

**(i) Kif raw l-inċident il-vittmi**

Skont Bouet Gelorg huma baqgħu jimxu xi ħamsion metru wara li semgħu l-ħpss tal-karozza Huma segħu l-ħoss tal-

magna u wkoll il-ħoss tat-tyres iwerżqu mal-art. Meta dar huwa ra l-karozza tagħmel zig-zag. Il-karozza kienet qegħda tiċċaqlaq mix-xellug għal-lemin matul il-wisgħa tat-triq kollha. Fl-aħħar parti ta' dan iz-zig zag deher illi l-kontroll intilef għal kollox u kien hemm li ntlaqtu. Il-bankina hija għolja u peress li ra l-karozza ġejja fuqhom ipprova jinbotta lil Laura. Huwa kien spiċċa ġol-windscreen waqt li Laura intlaqtet bil-parti ta' quddiem tal-karozza u waqgħet fid-ditch. Il-karozza kienet għaddejja bi speed tant qawwi li rnexxileha ċċaqlaq anki l-ġebel li kien hemm ma' ġenb il-bankina u waħda minn dawn il-ġebliet spiċċat fuq sieq Laura. Kemm il-bankina u kemm il-wiċċ tat-triq kienu fi stat perfett u ma kien ra ebda żejt. L-appellant kien qed jagħmel zig zag qabel ma wasal viċin tagħhom u fl-aħħar aprti taz-zigzag kien jdiher li ċ-ċaqliq tal-karozza kien aktar kbir. L-appellant kompla jżid l-ispeed minkejja z-zig zag. Iz-zig zag beda minn qabel id-dawra sakemm laqtahom. Kieku kien hemm iż-żejt kien jirnexxielu xorta jieqaf mal-bankina. Il-karozza laqtitu fuq l-irkoppa tax-xellug. Imbagħad għamel il-moviment biex jevita li jweġġa' u spiċċa fuq il-karozza. It-temp kien sabiħa ħafna.

Skont Laura Jennifere Sauberere, hija u seħibha raw il-karozza sejra lejn il-bankina ta' faċċata u terġa' lura lejn id-direzzjoni tagħhom (fol 34). Hi sabet ruħha minduda mal-art b'ġebla kbira fuq saqajha. Il-karozza kienet għadha ma waslitx fil-liwja (fol 35) għax huma semgħu l-ħoss qabel ma raw il-karozza. Kif daru biex iħarsu lejn il-karozza rawha titlaq lejn id-direzzjoni tal-bankina l-oħra u terġa' tura fid-direzzjoni tagħhom. Hija kkonfermat li l-karozza għamlet tip ta' zig zag. Hija kienet rat il-karozza ġejja bi speed qawwi (ara risposta in kontro-eżami a fol 38).

**(ii) Kif raw jew kif seħħ l-inċident skont Roxana Badacian u l-appellant Clive Vella**

**(a) Roxana Badacian**

Roxana Badacian xehdet li ma kinitx tiftakar sew x'ġara għax kienet qed tibgħat messaġġ. Kient taf li l-appellant

kien tilef il-kontroll tal-karozza iżda ma kienx qed isuq ħafna. Hija tibża' ħafna mill-ispeed. Huwa kien fuq is-second gear **għax kienet għadha kif kellmitu. (fol 36).** Huma ħabtu mal-bankina u kien hemm tnejn min-nies fuqha. L-appellant ma kienx qed isuq b'aktar minn 40 jew 50 km fis-siegħa. Il-karozza Honda tingrana fuq wara. Żiedet tgħid li għalkemm is-sieħeb ġibed lis-sieħba, din xorta ntlaqtet mill-karozza. It-traffiku kien normali u l-appellant kien qed isuq bil-mod. Il-karozza kienet skiddjat ftit iżda ma tafx eżatt. Hija xehdet li ġieli kienet telgħet mall-appellant fil-karozza u ma kienx wieħed li jsuq ħafna.

**(b) L-appellant.**

L-appellant xehed li kif qabad il-liwja ħass il-karozza qed titlaq minn wara. Huwa ipprova jikkontrolla l-karozza iżda din bdiet tmur 'l hawn u 'l hemm. Il-karozza telgħet fuq il-bankina u laqtet lis-sinjorina. Mill-ewwel niżel biex jara x'ġara. Il-magna tal-karozza tiegħu tagħmel ħafna ħsejjes ukoll jekk issuqha bi speed baxx. Huwa kien sab landa taż-żejt miftuħa qabel il-ksira u biċċa ċarruta, jiġifieri xi ħadd mesaħ idu. Kien hemm it-trab dieħel għal nofs it-triq. Il-karozza aktar diffiċli li żżommha fuq iż-żejt. Huwa ra l-landa meta reġa' mar fejn il-karozza (ara fol 242 dok CV1). Huwa ma kienx ra lil Bouet Gaylorg jaqbeż fuq il-karozza. Huwa ma kienx jaf b'liema speed kien miexi għax ma kienx qed jagħti każ tal-ispeed iżda huwa kien miexi fuq is-second gear. Kull darba li l-karozza bdiet tmur sideways huwa beda jiksrilha kontra. Huwa ċaħad li kien laqat xi ħajt.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-appellant qed jissottometti li għax ma nġabux provi ta' brake marks jew għax ma saritx investigazzjoni jew inkesta, allura l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-każ tagħha 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Bir-rispett kollu l-provi ma jsirux biss kif qed jissottometti l-appellant. Il-ġudikant irid jiġbed il-konklużjonijiet tiegħu mill-provi li jkun hemm u mhux bilfors mill-brake marks jew minn xi inkjesta. Hekk ikkummentat il-Qorti tal-Appell Kriminali

fis-7 ta’ Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : ‘Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami’

*‘F’każijiet ta’ inċidentis stradali, hemm ċerta* presumptions of fact *li joħorġu mill-assjem tar-riżultanzi ta’ dak l-inċident, li fil-ġurisprudenza antika kienu jissejħu ‘res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejħu* circumstantial evidence *u li jistgħu jimmiltaw biex min irid jiġġudika jasal għal ċerti konklużjonijiet dwar ir-responsabilita’ o meno tal-akkużat.’*

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dawk l-aggravji kollha jew il-partijiet mill-aggravji dwar nuqqas ta’ provi b’mod partikolari dak li aktar ‘il fuq il-Qorti indikat bħala bin-numri (1) u (2) taħt il-Parti A.**

F’dan il-każ kellna xhieda okulari ta’ min joqgħod fuqhom li raw id-dinamika tal-inċident. Din il-Qorti – bħall-Ewwel Onorabbli Qorti- m’għandha ebda dubju li kien hemm sewqan eċċessiv daparti tal-appellant.

(i) Sinifikanti dak li qalet bla ma ndunat Roxana Badacian. Din kienet **għadha kif kellmet** lill-appellant u żgur li dak lil-ħin ma kellmitux fuq it-temp – li kien sabiħ - iżda għax ħasset li s-sewqan tal-appellant ma kienx daqshekk ‘safe’.

(ii) Barra dan il-bankina fejn seħħ l-inċident kienet waħda wiesgħa kif jidher mir-ritratt u mhux xi waħda dejqa fejn huwa aktar faċli li ttajjar ‘il min ikun miexi għall-affari tiegħu. Għalhekk bil-fors li s-sewqan kien qawwi biex wassal għat-tkissir tal-ġebel.

(iii) Is-sewwieq mar min-naħa għall-oħra tat-triq.

(iv) L-iskuża tal-landa taż-żejt (skont ir-ritratt li ppreżenta l-appellant stess) m’hija konvinċenti xejn. Ir-ritratt ma juri ebda tixrid ta’ żejt iżda sempliċiment l-allegata landa u madawrha l-art hija xotta.

(v) Din il-Qorti ma tantx tista’ toqgħod fuq dak li xehdet temmen xejn Roxana Badacian li kienet qed tibgħat

messaġġ iżda fl-istess ħin tgħid li kienet għadha kif kellmet lill-appellant.

(vi) Ix-xiehda tal-appellant hija **biss** intiża biex b'xi mod tgħatti **n-negliġenza** tiegħu u **l-ispeed eċċessiv** li kien għaddej bih. Il-Prosekuzzjoni ppruvat ampjament l-intenzjoni (in-negliġenza u t-traksuraġni) tar-reati in kwistjoni.

(vii) Mhux veru li dan kien każ ta' 'casus' jew li kien inevitabbli.

**Isegwi li l-Qorti qed tiċħad dawk il-partijiet tal-aggravju mmarkati (3)(4)(5) taħt il-parti mmarkata A.**

**Dwar l-aggravju tekniku (dak immarkat B),** il-Qrati ilhom jirrepetu li ċ-ċitazzjoni hija avviso a comparire. Fiċ-ċitazzjoni hemm il-fatt bażiku. Dwar jekk l-inċident seħħx ġewwa Pembroke jew Saint Andrew's, fiċ-ċirkostanzi tal-każ dan huwa fatt ta' bla ebda importanza. L-inħawi indikati min jindikhom bħala Pembroke u min bhala Saint Andrew's. Żgur li l-indikazzjoni tal-post ma toħloq ebda dubju dwar fejn sar l-inċident. Dan mhux il-każ fejn il-każ huwa allegat li seħħ l-Imqabba iżda fil-fatt ikun seħħ Birkirkara.

Lanqas l-indikazzjoni tal-ħin ma hi xi ħaġa sine qua non. L-appellant wieġeb għas-sejħa u saħansitra xehed fuq l-istess fatti imputati lilu.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Dwar l-aggravju dwar il-piena (dak immarkat Ċ).** Il-piena qegħda fil-parametri tal-Liġi meta tqis ukoll li l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 jimponi jew multa ta' 232.94 jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur. Għalhekk il-kundanna ta' sena priġunerija sospiża għal tliet snin, meta wieħed jikkonsidra l-artikolu 226(1)(a)u 226(1)(b) ukoll żgur li mhix xi waħda eċċessiva u sproporzjonata. Il-pieni l-oħra, inkluża s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan, huma wkoll fil-parametri tal-Liġi. Din il-Qorti ma disturbax piena jekk m'hemmx xi raġuni speċjali.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad <u>l-aggravji kollha</u> tal-appellant inkluż dak dwar il-piena u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Mejju 2012 fl-intier tagħha. Is-sentenza ta' priġunerija kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja mis-sewqan għandhom ikunu sospiżi min-nofs il-lejl ta' llum**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------